**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 5 ta' Lulju 2017**

**Rikors Numru: 304/2016 CSH**

**Carmelo Cassar**

**vs**

**Mario Zammit personalment u kif ezercjenti l-kummerc taht l-isem ta' Mario Auto Dealer**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur Carmelo Cassar fit-12 ta' Dicembru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tordna lill-intimat Mario Zammit jirrifondi s-somma komplessiva ta' tmint elef u sitt mitt Ewro (€8,600) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-esponenti sabiex saru t-tiswijiet kollha necessarji u opportuni fuq il-vettura tat-tip Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni MAR303 u dan taht dawk il-provedimenti opportuni.

Fl-14 ta' Ottubru 2015, permezz ta' liema ftehim l-esponenti Carmelo Cassar xtara u akkwista minghand l-intimat il-vettura tat-tip Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni MAR303. Illi ftit tal-granet wara li nxtrat il-vettura, kienu zviluppaw difetti ta' natura latenti konsegwenza ta' liema difetti l-vettura ma kinitx f'kundizzjoni li tista' tintuza fit-triq minghajr ma jsirulha dawk it-tiswijiet kollha necessarji u opportuni. Illi l-ispiza nkorsa sabiex il-vettura sovra indikata

giet irrangata u f'posizzjoni li tinstaq fuq it-triq kienet ta' madwar tmint elef u sitt mitt Ewro (€8,600) liema ammont l-intimat Mario Zammit gie nterpellat diversi drabi sabiex jirrifondi u baqa' inadempjenti nonostante l-fatt illi l-intimat innifsu ddikjara illi kien lest li jirrifondi.

Rat ir-risposta ta' Mario Zammit personalment u kif ezercjenti l-kummerc taht l-isem Mario Auto Dealer Limited (C11609) fejn espona bir-rispett:

1. *"Illi preliminarjament, Mario Zammit la personalment u lanqas ezercjenti l-kummerc taht l-isem Mario Auto Dealer, ma hu l-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa dejjem iggestixxa n-negozju tieghu tramite s-socjeta' Mario Auto Dealer Limited (C11609);*

2. *Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tal-attur hija preskritta ai termini tal-Artiklu 1431 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-vettura mibjugha lill-attur ma kellha l-ebda difetti latenti fil-mument tal-bejgh;*

4. *Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma kien jaf bl-ebda difetti fil-vettura li giet mibjugha lill-attur;*

5. *Illi qed jigi eccepit ukoll illi t-talba attrici hija legalment improponibbli stante li hija proposta bhala azzjoni ghad-danni, b'dana izda li r-rimedji tax-xerrej f'kaz ta' vendita' huma dawk ai termini tal-Artiklu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn l-oggett ma jkunx tal-kwalita' pattwita ai termini tal-Artiklu 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra.*

*Bl-ispejjez u l-interessi legali kollha kontra l-attur, li hu minn issa ngunt in subizzjoni."*

Semghet lill-konvenut **Mario Zammit** jixhed u dan fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017 fejn kkonferma li huwa jahdem bhala *car dealer* u li n-negozju tieghu jiggestih f'isem *Mario Auto Dealer Limited.* Spjega illi kellu karozza tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni MAR 303 u kien poggiha fix-xhowroom tieghu ghall-biegh. Jghid li l-attur kien mar u talbu xi dettalji dwarha partikolarment u nfurmah li l-vettura kienet giet registrata fit-triq ghall-ewwel darba f'Malta. Fil-fatt l-attur kien spicca xtraha u ffirmaw il-ftehim li jinsab esebit fl-atti u markat bhala Dok S a fol. 12 tal process. Jghid li l-original ta' dan il-kuntratt jinsab f'idejn l-istess attur.

Darba minnhom jaf li l-attur kien cempillu u qallu li l-vettura kienet sahnet u qallu li kien qed jara d-duhhan hiereg mill-bonnet. Qallu sabiex joqghod attent u qallu sabiex imur ghand il-mekkanik fejn kien johodha hu stess qabel ma bieghha lilu. Il-vettura kienet personali ta' martu. Irrizultalu li in effetti l-attur ha l-vettura ghand il-mekkanik li kien issugerixxa u l-attur kien qallu li l-karozza kienet sahnet ghaliex kien marrilha l-*hose pipe*. Jghid li pero' ma irrizultalux kemm kien ilha tishon. Qallu ukoll li nefaq xi erba' jew hames mitt ewro fuq service fuqha u bil-bona grazzja tieghu kien offra li ihallsu mitejn ewro minnhom (€200).

Qallu ukoll li dan ma jfissirx li kull haga li jinqalalha kellu jibqa' johodha ghandu u l-konvenut sostna li dakinahr stqarr li minn dakinhar 'il quddiem dak li seta jinqala' ma kienx ser ikun a spejjez tieghu. Huwa esebixxa kopja ta' cekk li permezz tieghu ghamel il-hlas ta' mitejn ewro (€200) li gie immarkat bhala Dok

S1. Spjega li sussegwentement f'Awwissu 2016 kwazi sena wara li kien bieghlu l-vettura kien ircieva ittra minghand l-avukat tieghu u kien cempel lill-avukat tieghu sabiex jirrispondih u jaf li irrispondih pero' ma waslux ghal ftehim.

Illi nhar l-10 ta Mejju 2017 xehed l-konvenut **Mario Zammit** mill-gdid u esebixxa statement bil-*cash deposits* li saru fejn jindika li d-depositi kienu qed isiru f'kont intestat f'isem Mario Auto Dealer Limited. Dan id-dokument gie markat bhala Dokument S2 u jghid li c-cekk in kwisjtoni esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok S1 gie depozitat f dan il-kont.

Semghet lill-attur **Carmelo Cassar** jixhed u dan fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2017 fejn spjega li huwa kien xtara l-vettura tat-tip Mercedes numru ta' registrazzjoni MAR 303 minghand il-konvenut Mario Zammit xi sena qabel ma xehed u qal li effettivament kien ghamel in-negozju direttament ma' Mario Zammit. Jaf li kien ra din il-karozza gewwa garaxx f'Hal Qormi. Kienet ghogbitu, ftiehem fuq prezz u cioe' hdax-il elf ewro (€11,000). Spjega li kien ghamel xi ghaxart ijiem idur biha u meta kien tiela' Hal Luqa beda johrog id-duhhan mill-bonnett. Muri dokument ezebit f'dawn l-atti a fol 12 spjega li fuq dan id-dokument hemm il-firma tieghu. Ikkonferma li n-negozju sar dakinhar li huwa ffirma dan il-kuntratt u cioe' nhar l-14 ta' Ottubru 2015. Mistoqsi meta effettivament kien cempillu ma jiftakarx pero' jaf li kien xi gimghatejn l-aktar tlieta wara li kien xtara l-karozza. Kien hadu ghand mekkanik gewwa Haz-Zebbug u l-mekkanik qallu li jrid ibidlilha l-magna. Spjega li effettivament dejjem bdiet taqlaghlu l-hsara u kellu jixtrilha magna. Qal li effettivament kien xtara magna gdida xi tmint elef ewro (€8,000) u ghandu d-dokumentazzjoni kollha taghha.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut u dan fl-istess seduta tal-21 ta' Gunju 2017 fejn sahansitra anke talbu lil din il-Qorti taghti sentenza preliminari dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet li gew trattati.

**Ikkunsidrat:**

Illi bhala fatt jirrizulta li l-attur kien xtara vettura tal-ghamla Mercedes numru ta' registrazzjoni MAR 303 minghand Mario Zammit ta' Mario Auto Dealer nhar l-14 ta' Ottubru 2015 u dan skond il-kundizzjonijiet imsemmija fil-ftehimn esebit fl-atti u markat bhala Dok S. Jidher li ftit wara din l-vettura zviluppat xi hsarat u l-attur ha hsieb it-tiswija tal-vettura u l-konvenut kien sahansitra tah is-somma ta' mitejn ewro (€200) bhala att ta' *good will* minn naha tieghu u dan skond il-kopja ta' cekk esebit fl-atti a fol 13 immarkat bhala Dok S1 fis-17 ta' Novembru 2015. Dwar dawn il-fatti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

Illi l-ewwel eccezzjoni li din l-Qorti ghandha titratta hija jekk l-konvenut hux il-legittimu kontradittur tal-attur u dan ghaliex l-konvenut qed isostni li l-vettura inbieghet mis-socjeta' Mario Auto Dealer Limited u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti ta' l-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut*

*ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-*kawza."

Interessanti wkoll dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti** fejn inghad:

"B*'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu` ta' liema l-*wiehed*, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti kellha l-okkazjoni li tistudja dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. Vs Michael Debono nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005. Fost affarijiet ohra hi kkwotat minn diversi sentenzi l-principji applikabbli fuq is-suggett tal-legittimu kontradittur:

"*...il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet Frank Cilia noe vs Charles Scicluna deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima**[1] deciza fit-30 ta' April 1992:*

---

[1] Vol. LXXVI iv 677.

*Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;*

*Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni; Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203.*

*Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (Art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede."*

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti**, il-Qorti ta' l-Appell[2] gie ritenut ukoll li, "*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata.*

*Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa konnoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta (***John Vella noe v. Anthony Vella et,** *Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru 1999)."*

U aktar tard ziedet li:

[2] 20 ta' Ottubru 2003

"*Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju (***Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice***, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999).*"

Naturalment kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispeci partikolari tieghu biex wiehed jara jekk il-principji fuq esposti gewx applikati o meno. Il-Qorti kkwotat l-imsemmija sentenza ta' **Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono** biex tara jekk fil-fatt is-socjeta` Mario Auto Dealer Limited hix il-legittimu kontradittur jew jekk hux il-konvenut kif imharrek li ghandu iwiegeb ghad-domanda attrici.

Il-konvenut ressaq bhala prova dokumentarja tlett dokumenti li lkoll ghandhom importanza ghal din il-pendenza. Jinghad li l-ftehim li sar dwar il-bejgh tal-vettura mertu tal-kawza sar bejn l-attur de proprio u Mario Zammit de proprio u dan qed jinghad ghaliex fil-ftehim esebit ma hemm l-ebda referenza ghas-socjeta' li qed tigi reklamata mill-konvenut. Fil-fatt hemm miktub is-segwenti "*Ftehim maghmul illum 14 ta' Ottubru 2015 bejn Mario Zammit (hawn imsejjah is-sid) u Karmnu Cassar*". Dan ghalhekk huwa indikattiv li n-negozju sehh bejn il-kontendenti de proprio.

Jirrizulta wkoll mit-tieni dokument esebit li meta l-attur kien informa lill-konvenut dwar il-hsarat li sehhet fil-vettura li kien xtara, il-konvenut kien hallsu parti mid-danni li sofra u ghalhekk kien tah is-somma ta' mitejn ewro (€200) bhala parti mill-pagament li ghamel u dan permezz ta' cekk mahrug minn Mario Zammmit f'isem Mario Auto Dealer. Ghal darb'ohra ma jidhrix li c-cekk book li intuza jappartjeni ghal xi socjeta' limitata u dan ghaliex ma jirrizultax mill-atti.

Interessanti pero' li l-konvenut esebixxa statement fejn hemm indikat *deposit* li sar ta' hamest elef ewro (€5,000) f'kont mizmum fil-Banif Bank ta' Hal Qormi nhar it-23 ta' Marzu 2017 f'isem is-socjeta' Mario Auto Dealer Limited. Pero' ir-relevanza ta' dan id-dokument huwa in disputa ghaliex l-konvenut ma gab l-ebda prova sabiex jistabilixxi xi ness bejn dan il-kont u l-ftehim li sar bejnu u l-attur. Lanqas ma gab xi prova dwar x'jirrapprezenta dan il-*cash deposit*. Ghalhekk tali dokument m'ghandux relevanza diretta mal-kaz in desamina.

Din l-ewwel eccezzjoni ghalhekk dwar nuqqas ta' relazzjoni guridika qed tigi michuda u l-Qorti tiddikjara li l-konvenut *de proprio* ghandu jwiegeb ghat-talba attrici.

Fit-tieni lok l-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-**Artikolu 1431** tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-**Art.1424 tal-Kap.16** jaqra hekk:

*"Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom."*

Id-disposizzjoni ta` wara u cioe` l-**Art.1425** tghid hekk –

*' Il-bejjiegh ma jwegibx ghad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta` jsir jaf bihom* ***<u>WAHDU</u>****.'* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti)

Bis-sahha tal-**Art.1427**, il-ligi taghti lix-xerrej ghazla ta` zewg azzjonijiet illi jista` jiehu kontra l-bejjiegh: l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni stimatorja. Fil-kaz tal-lum, l-attur ghazel t-tieni azzjoni u cioe` l-actio aestimatoria, li skond l-istess

Art.1427 tfisser illi x-xerrej jaghzel li jzomm il-haga, u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tkun stabbilita mill-Qorti.

Il-ligi taghti lix-xerrej terminu biex jagixxi kemm jekk jaghzel l-*actio redhibitoria* kemm jekk imur ghall-*actio aestimatoria*. F`dan ir-rigward, l-**Art.1431** ighid hekk –

(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni, ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta` sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta` sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha.

(2) Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx ighaddu hlief minn dak in-nhar li seta` jkun li hu jikxef dak id-difett …

Accertat illi dan kien difett mohbi (li fil-verita' ghad irid jigi stabbilit), din il-Qorti sejra tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art.1431 li l-konvenut ssolleva bhala t-tieni eccezzjoni tieghu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) tat-18 ta` Ottubru 1963 fil-kawza "**Muscat Baldacchino vs Vincenti Kind**" saret riferenza *inter alia* ghall-Art.1431(2) tal-Kap.16 u qalet hekk –

"*….. din il-Qorti hi ta` l-opinjoni li l-kliem tat-tieni subartikolu fuq imsemmi, indikanti d-dies a quo tad-dekorrenza tat-terminu ……stabbilit mill-ligi, cioe` il-kliem "minn dak in-nhar li seta` jkun li hu jikxef id-difett", ghandhom ikunu interpretati fis-sens li id-dies scientiae ma hux dak li fih tigi notata jew riskontrata l-irregolarita` fil-funzjonament tal-attrezz mibjugh, imma hu invece dak li fih jigi definittivament accertat id-difett*".

Din is-sentenza kienet citata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-1 ta` Gunju 2007 fil-kawza "**Mallia vs Abela et**" li kienet f'dak il-kaz tittratta azzjoni stimatorja f`immobbli.

Id-dritt ta` l-azzjoni stimatorja huwa moghti lix-xerrej meta d-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha jaghmlu dik il-haga "*mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar*". Fil-kaz tal-lum, dan ir-rekwizit irrizulta kif johrog kjarament mir-relazzjoni peritali.

Mill-provi akkweziti jirrizulta li l-bejgh tal-vettura sar nhar l-14 ta' Ottubru 2015 u li kien hemm xi hsara fil-vettura f'xi zmien qabel is-17 ta' Novembru 2015 tant li nhar is-17 ta' Novembru 2015 l-konvenut ghamel hlas ta' mitejn ewro (€200) rapprezentanti din is-somma parti mill-pagament li l-attur ghamel lil *mechanic*. Illi ghalhekk l-attur zgur li ma jistax jitlob il-bilanc tal-erbgha mija jew hames mija li hallas lill-mekkanik meta inksirlu l-*hose* ghaliex dan l-ammont zgur li huwa preskritt konsiderando li l-kawza giet inizjata fit-12 ta' Dicembru 2016 u cioe' aktar minn sena wara.

Illi pero' jirrizulta li in effetti l-vettura rega' kellha xi hsara, x'kienet din il-hsara pero' ma jirrizultax fl-atti ghaliex ma giet esebita l-ebda invoice jew *job sheet* dwar ir-reparazzjonijiet li saru u meta in effetti saru ghalkemm l-attur ghamel talba sabiex jigi rifuz is-somma ta' tmint elef u sitt mitt ewro (€8,600). L-attur xehed u spjega li l-hsara li huwa kellu kienet tikkonsisti fit-tibdil ta' magna. Issa m'hemmx dubbju li l-kawza odjerna giet intavolata nhar it-12 ta' Dicembru 2016.

Il-kaz odjern jirrigwarda karozza u allura hwejjeg mobbli. Ghalhekk il-perjodu preskrittiv ta' l-azzjoni fil-kaz odjern, u skond is-subartikolu (1) tal-Artikolu

1431 tal-Kap. 16, huwa bl-eghluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-vettura.

Inghad hafna u gew decizi diversi sentenzi dwar jekk it-terminu ta' sitt xhur huwiex terminu ta' preskrizzjoni jew terminu ta' dekadenza. Kien hemm zmien, anke fis-sebghinijiet, li l-Qrati taghna kienu jghidu li t-terminu imsemmi fis-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 1431 huwa terminu ta' preskrizzjoni. Dikjarazzjonijiet dawn sahansitra mill-Qrati ta' l-Appell meta inghad "*Dana l-perjodu, jigi ghal kull fini innotat, hu, skond il-gurisprudenza l-izjed recenti, ta' preskrizzjoni, mhux ta' dekadenza*[3]". Pero', u il-fehma ta' din il-Qorti hija hekk ukoll, il-prevalenza tas-sentenzi tal-Qrati taghna kienu dejjem favur it-tejorija li dan it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza.

Inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, sedenti l-Onorevoli Mhallef T. Gouder fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuele Camilleri noe vs Anthony Calascione noe** deciza fid-29 ta' Ottubru, 1954 illi "*L-opinjoni prevalenti f'materja ta' azzjoni redibitorja u ta' azzjoni estimatorja hija fis-sens illi t-terminu mpost mill-ligi ghall-ezercizzju ta' dawk l-azzjonijiet huwa terminu ta' dekadenza, u mhux terminu ta' preskrizzjoni" u "lanqas it-trattativi li jistghu jkunu hemm bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekorrenza taz-zmien, biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwistjoni, ma jistghu ikollhom effikacja interruttiva, ammenokke bhala effett u fil-kors ta' dawk it-trattativi, u filwaqt li jkun ghaddej iz-zmien, il-venditur ma jkunx irrikonoxxa, u ma jkunx ma ikkuntrastax l-ezistenza tal-vizzju; b'mod li, biex ilkumpratur jista jsostni l-azzjoni tieghu proposta wara ddekors taz-zmien jehtieglu jipprova illi huwa, fiz-zmien utili, informa lill-venditur bil-vizzju tal-*

[3] **Emmanuele Calleja vs Anthony Portelli noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Novembru, 1971 (mhux pubblikata). Ara ukoll f'dan is-sens Antonio Farrugia vs Innocenzo Vassallo deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Dicembru, 1891 (Vol. XIII/76); Paolo Pace vs Antonio Vassallo deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu, 1894 (Vol. XIV/156); Aristide Pizzuto vs Giuseppe Refalo deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Novembru, 1909 (Vol. XX/i/316); Giuseppe Abela vs Sapienza Ciantar deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Marzu, 1928 (Vol. XXVII/ii/28) u Carmelo Cremona et noe vs Salvatore Farrugia deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Awwissu, 1966 (Vol. L/i/270);

*haga, u li dan, f'dak iz-zmien, ipprometta li jiehu l-haga lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-ezistenza tal-vizzju*".

Finalment dik il-Qorti qalet illi "*Ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur, biex jissospendi d-dekadenza ta' l-azzjoni redibitorja, irid ikun car, formali, esplicitu, inkondizzjonat*"[4].

Mill-provi jirrizulta li l-attur ha l-vettura tat-tip Mercedes minghand il-konvenut fl-14 ta' Ottubru 2015. Il-kawza odjerna giet istitwita fit-12 ta' Dicembru 2016. Ghalhekk, jekk il-Qorti tieqaf hawn, bil-provi akkwiziti fl-atti processwali, jirrizulta li t-terminu ta' sitt (6) xhur kien lahaq iddekorra. Madanakollu, l-istess artikolu 1431 jipprovdi fis-subartikolu (2) tieghu li jekk ix-xerrej ma jkunx jista jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, dan iz-zmien ta' sitt (6) xhur ma jibdiex jghaddi ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.

It-terminu ta' sitt (6) xhur allura jibdew jiddekkorru mill-gurnata li dan id-difett seta' jigi definittivament mikxuf u mhux mill-gurnata li fih l-attur akkwista il-vettura.

"*Il-kliem tat-tieni subartikolu tal-artikolu 1481 [illum 1431] tal-Kodici Civili, indikanti id-dies a quo tad-dekorrenza tat-terminu ta' xahar stabbilit mil-ligi, cioe' l-kliem 'minn dak innhar li seta jkun li hu kixef id-difett' ghandhom ikunu interpretati fis-sens li d-dies scientae ma hux dak li fih tigi notata jew riskontrata rregolarita fil-funzjonijiet tal-attrezz mibjugh, imma hu invece dak li fih jigi definittivament accertat id-difett"*[5] *u "B'dana kollu hemm zgur punt fiz-zmien li fih l-izvilupp progressiv tal-vizzju jista jinghad li jkun lahaq effett kumulattiv li ghandu ragonevolment jgharraf lix-xerrej bl-ezistenza tieghu, u min dak il-punt*

[4] Op. Cit.

[5] **Maria Rosa Muscat Baldacchino vs Edward Vincenti Kind nomine** deciza mill- Qorti ta' l-Appell Kummercjali nhar it-18 ta' Ottubru, 1963 meta qalet Vol. XLVII/i/556. Ara f'dan is-sens Emmanuele Calleja vs Anthony Portelli noe deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Novembru, 1971 (mhux pubblikata); Francis Mizzi et vs Carmelo Mangion deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Frar, 1974 (mhux pubblikata) u Dr. Charles J. Xuereb vs John Attard et noe deciza mill-Qorti ta' l- Appell fil-21 ta' Ottubru, 1977 (mhux pubblikata).

*jibda jitqies iz-zmien tal-azzjoni jew inazzjoni tal-istess xerrej ghal finijiet tal-artikolu 1481 [illum 1431] tal-Kodici Civili*"[6].

Issa fil-kaz odjern, id-difett li minnu qieghed jilmenta l-attur huwa difett fil-magna tal-vettura minnu akkwistata minghand il-konvenut. Tant hu hekk illi l-konvenut kien diga' kkumpensa lill-attur fi xi hsara li kien sewwa qabel ma biddel il-magna meta l-istess konvenut kien tah somma flus u cioe' is-somma ta' mitejn ewro (€200) bhala kumpens ghad-danni li sofra dakinhar.

Ghalhekk l-attur ma jistax jghid li ma kienx jaf li l-vettura kienet kolpita b'difett u li ma kienx jaf x'inhu id-difett u dan ghaliex kif stqarr hu stess kellu jbiddel il-magna tal-vettura li fil-fatt ghamel u nefaq tmint elef ewro (€8,000) erbatax-il xahar qabel ma ghamel it-talba il-Qorti biex jigi rimborsat. Ghalhekk, il-Qorti qieghda tifhem li d-difett gie konstatat mir-rikorrenti ftit wara li kien akkwista l-vettura minghand il-konvenut u cioe' sa xahar wara l-akkwist in pessima ipotesi.

**Ghalhekk minn nofs Novembru 2015 sat-12 ta Dicembru 2016 zgur li lahqu ghaddew is-sitt (6) xhur li jghid l-Artikolu 1431(1) tal-Kapitolu 16 u konsegwentement il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza a karigu tal-attur.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

---

[6] **Emmanuele Florian vs Rosario Desira**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Gunju, 1969 (mhux pubblikata) u Emmanuel Cauchi vs Francis Portelli noe et deciza mill- Qorti tal-Kummerc fis-26 ta' Marzu, 1976 (mhux pubblikata).